MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 480/2006

**John Gracey u martu Josephine Gracey**

**vs**

**Maria Dolores Ciantar armla minn Nazzareno Ciantar f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' binha l-assenti Tabib Dottor Etienne Ciantar kif awtorizzata bi prokura generali u Jeanette Ciantar**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' John Gracey u martu Josephine Gracey, li wara li ppremettew illi:

Bi skrittura privata datata 28 ta' Mejju 2004 (Dokument A), l-atturi flimkien u solidalment bejniethom ipprometew u obbligaw ruhhom li jhallsu lil Nazzareno Ciantar is-somma ta' Lm34,000 simultaneament mal-kuntratt ta' bejgh tad-dar bl-arja libera taghha u bis-sottoswol tahtha, bl-isem

‘Marusca’, b’garage anness maghha, go Triq in-Naxxar, San Gwann, kantuniera ma’ Triq John F Marks gia Sisters Street, San Gwann;

L-istess Nazzareno Ciantar, flimkien ma’ martu l-konvenuta Maria Dolores Ciantar, kienu diga’ ntrabtu b’konvenju sabiex ibieghu u jittrasferixxu lill-atturi l-imsemmija dar ‘Marusca’, fi Triq in-Naxxar, San Gwann (Dokument B), liema konvenju gie debitament registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni (Dokument C);

Il-kunsens tal-atturi ghall-firma tal-imsemmija skrittura privata (Dokument A) kien vizzjat billi gie mehud bi vjolenza mill-imsemmi Nazzareno Ciantar meta dan uza pressjoni u minaccji gravi, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, kif ukoll theddid li ma jersaqx ghall-kuntratt ta’ bejgh, jekk l-atturi ma jiffirmawx obbligazzjoni li mal-istess kuntratt jaghtuh erbgha u tletin elf Lira oltre l-prezz gia pattwit bil-konvenju, b’mod li mpressjonaw u bezzghu lill-atturi u li minghajrhom l-atturi ma kinux jiffirmaw l-istess skrittura privata;

Inoltre, l-imsemmija obbligazzjoni hija nieqsa minn kawza skont il-ligi;

L-imsemmi Nazzareno Ciantar miet intestat fit-23 ta’ Novembru 2005 u ghalhekk il-werrieta tieghu huma l-konvenuti u cioe’ l-armla u z-zewg uliedu.

Talbu l-atturi jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi li l-iskrittura privata datata 28 ta’ Mejju 2004 (Dokument A) hija nulla u bla ebda effett, u dan minhabba vizzju tal-kunsens tal-atturi u/jew minhabba nuqqas ta’ kawza skont il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Maria Dolores Ciantar f’isimha u bhala mandatarja ta’ binha Dottor Etienne Ciantar u Jeanette Ciantar, li in forza taghha eccepew illi:

Id-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi c-citazzjoni odjerna hija preskritta a tenur tal-ligi u cioe’ a tenur tal-artiklu 1222(1) u 1222(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi l-kawza ntavolata mill-atturi tirrigwardja allegazzjoni ta’ vjolenza u nuqqas ta’ causa u kull azzjoni hija ghalhekk preskritta b’dekadenza f’perjodu ta’ sentejn minn mindu tkun saret l-iskrittura allegatament mehuda bi vjolenza u minghajr causa u cioe’ mit-28 ta’ Mejju 2004.

Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, il-konvenuti b’sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta’ Mejju 2006 fil-kawza fl-ismijiet “Maria Dolores Ciantar pro et noe et vs John Gracey et” ikkundannat lill-konjugi Gracey biex ihallsu lill-eredi ta’ Nazzareno Ciantar, il-konvenuti odjerni, is-somma ta’ Lm34,000 skont skrittura tat-28 ta’ Mejju 2004 fuq imsemmija, liema decizjoni giet appellata mill-istess atturi odjerni.

Mhux minnu illi din l-iskrittura ttiehdet bi vjolenza u/jew li kien hemm xi nuqqas ta’ kawza stante illi minkejja l-konvenuta Maria Dolores Ciantar ma kinitx prezenti u ma ffirmatx din it-tieni skrittura skont l-istess Nutar John Gambin li rrediga l-istess skrittura, jikkonferma illi l-partijiet ossia l-mejjet Nazzareno Ciantar u l-konjugi Gracey regghu marru ghandu biex jaghmlu kostituzzjoni ta’ debitu wara l-konvenju tal-vendita tad-dar “Marouska”, Triq Naxxar, San Gwann, gie ffirmat.

Ma jistax ikun minnu illi din l-iskrittura ttiehdet bi vjolenza stante illi din giet iffirmata wara li gie ffirmat il-konvenju mill-mejjet Nazzareno u Maria Dolores Ciantar, qua vendituri u John u Josephine Gracey, qua xerrejja tal-fond “Marouska”, Triq in-Naxxar, San Gwann.

Kieku kien hemm xi vjolenza, din l-iskrittura kienet tigi ffirmata qabel ma jigi ffirmat il-konvenju u mhux wara.

In oltre, Maria Dolores Ciantar ma kienet taf xejn bin-negozju li kien sar bejn il-mejjet zewgha u l-konjugi Gracey ghar-rigward il-kostituzzjoni ta’ debitu hlief ghal xi xahrejn qabel il-mewt ta’ zewgha Nazzareno Ciantar.

L-imsemmija Maria Dolores Ciantar ma kinitx prezenti ghall-iffirmar tal-iskrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu tat-28 ta’ Mejju 2004 esebita bhala Dokument “A” fil-process u lanqas iffirmat l-istess skrittura u lanqas kienet taf biha fil-gurnata tal-iffirmar tal-istess skrittura. Hija kienet taf biss illi zewgha u hi kienu se jbieghu d-dar “Marouska”, Triq in-Naxxar, San Gwann, bil-prezz ta’ Lm200,000 li thallsu taghhom fuq il-kuntratt.

Il-mejjet zewgha kien negozjant bhall-istess John Gracey u ghalhekk hija ma tafx x’negozji zewgha kellu mal-istess John Gracey u ghalhekk hija ma tafx bil-fatti speci tal-kostituzzjoni ta’ debitu odjerna, pero’ taf illi ftit qabel ma miet Nazzareno Ciantar, kien qalilha li ghandha tigbor minghand il-konjugi Gracey is-somma ta’ Lm34,000 li ma gewx moghtija lilu mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ vendita, kif obbligaw ruhhom li jaghmlu fl-istess skrittura. Il-fatt stess illi dawn il-flus ma ngabrux mill-mejjet Nazzareno Ciantar mal-pubblikazzjoni tal-att finali ta’ “Villa Marouska”, Triq in-Naxxar, San Gwann, turi illi ma kienx hemm vjolenza meta giet redatta l-iskrittura tat-28 ta’ Mejju 2004 ghax kieku dan kien minnu, Nazzareno Ciantar kien jinsisti li l-pagament kien isir mat-trasferiment tad-dar odjerna u mhux halla z-zmien biex jigbor l-istess flus.

Il-konjugi Gracey mhumiex qed jghidu li huma taw il-flus skont l-iskrittura tat-28 ta’ Mejju 2004, anzi, bil-kawza odjerna qed jammettu li huma dak il-pagament dovut m’ghamluhx la lil Nazzareno Ciantar u lanqas lill-eredi tieghu.

A rigward kawza llecita, l-allegazzjoni tal-atturi mhijiex sostnuta fic-citazzjoni stante illi l-ebda raguni ma nghatat rigward l-allegata kawza llecita.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta ulterjuri ta’ Maria Dolores Ciantar pro et noe et, li permezz taghha dawn eccepew ulterjorment illi:

It-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda fit-totalita’ taghhom, bl-ispejjez kontra l-atturi, ukoll stante illi r-rapport guridiku bejn il-kontendenti a rigward il-mertu ta’ din il-kawza llum jinsab regolat b’decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti tat-18 ta’ Mejju 2006 fil-kawza fl-ismijiet “Maria Dolores Ciantar pro et noe et vs John Gracey et” (Rik. Nru. 142/2006 RCP), kif konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Gunju 2008, liema decizjoni ghaddiet in gudikat u konsegwentement hija res judicata;

Kopja ta’ din id-decizjoni giet prezentata fl-atti ta’ din il-kawza mill-istess konvenuti nomine waqt is-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2008;

Ghalhekk ghat-talbiet attrici llum jezisti l-ostakolu tar-res judicata.

Semghet ix-xhieda.

Rat li, l-istess rikorrenti, ghalkemm moghtija il-fakolta’ biex jaghmlu dan baqghu ma pprezentaw ebda sottomissjoni bil-miktub.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet tal-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta’ din il-kawza, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu ‘l-Qorti tiddikjara nulla u bla effett skrittura privata li permezz taghha huma ntrabtu li jhallsu Lm34,000 lil Nazzareno Ciantar, illum mejjet, li kien zewg l-intimata Maria Dolores Ciantar u missier l-intimati l-ohra.

Jirrizulta li a bazi tal-iskrittura de quo, din il-Qorti, diversament presjeduta, permezz ta’ sentenza tat-18 ta’ Mejju 2006, konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’

Gunju 2008, l-atturi odjerni Gracey gew kundannati ihallsu s-somma ta' Lm34,000 bl-imghax u spejjez lill-intimati Ciantar. Ghalhekk dawn tal-ahhar qed iressqu l-eccezzjoni tal-gudikat.

In linea ta' principju huwa ritenut minn dawn il-Qrati li:

"*L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha (a) l-interess pubbliku, u (b) hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti b'sentenza, (c) li tbieghed il-possibilita' ta' decizzjonijiet li jmorru kontra xulxin, u (d) li taghlaq il-bieb li kwestjonijiet definiti jibqghu jinfethu bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti b'sentenza li tkun diga' nghatat dwar dik il-vertenza (<u>Galea vs Falzon et,</u> deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 2002). Illi minhabba l-fatt li dik l-eccezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li tkun altrimenti jisthoqqilha tigi meqjusa minn qorti, l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tkun ta' interpretazzjoni dejqa, tant li, f'kaz ta' dubju, il-gudikant ghandu jsib kontra dik l-eccezzjoni (<u>Camilleri vs Mallia</u>, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998).*"

Tlieta huma elementi essenzjali sabiex din l-eccezzjoni tirnexxi u cioe' (1) eadem res, (2) eadem personae, (3) eadem causa pedenti _ "nisi omnia concurrunt, alia res est".

"*Jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawza u dak li gie deciz fl-ewwel kawza* ***jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-ezistenza, allura jirrikorri r-rekwizit tal-istess mertu***" ("Camilleri vs Mallia", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998).

Fil-kaz in ezami, mhemm ebda dubju li l-partijiet fiz-zewg kawzi huma l-istess.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba:

"*Hu maghruf li, ghalkemm ma jistax jigi eccepit il-gudikat fid-difett tar-rekwizit tal-identita' tad-domandi, il-gudikat hu valevoli biex jiddefinixxi d-domanda sussegwenti li, ghalkemm mhux identika ghal dik definita bil-gudikat, tkun*

*fondata fuq l-istess 'ratio petendi'; u* ***hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-meritu tal-kawza, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess;*** *u ghalkemm, biex jista' jigi nvokat il-gudikat hemm bzonn l-identita' tal-oggett,* ***din l-identita' ma hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita' fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jidhol bhala parti integrali tal-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni***" ("Cassar vs Zammit", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-10 ta' Dicembru 1956).

In oltre, huwa ritenut minn dawn il-Qrati illi jekk parti f'kawza precedenti titlob l-infurzar ta' kuntratt u tinghata sentenza a bazi ta' dak il-kuntratt, il-validita' tal-istess kuntratt ma tistax tigi diskussa f'kawza ohra.

Fil-kawza fl-ismijiet "Abela vs Fenech", deciza fit-28 ta' Frar 1946, intqal illi:

"*Hekk, per ezempju,* ***f'kawza fejn gie kanonizzat kreditu b'sentenza li saret res judicata, id-debitur jista' jittanta jinnewtralizza l-gudikat billi jiddeduci, <u>f'kawza posterjuri, illi l-klawsola tad-debitu kienet illecita, eccezzjoni li kienu messu u seta' gab, fil-kawza tal-ewwel</u>. Gie ghalhekk korrettement ritenut fil-gurisprudenza estera illi "dopo che con sentenza passata in gudicato fu accertato il debito di una somma determinata, e fu pronunciata la condanna al pagamento, non puo' piu' sostenersi che il debito deriva da cessione di rendita pubblica a prezzo superiore al valor di borsa e debba quindi ridursi a somma minore attesa l-usura paliata di cui sarebbe infetto****" (Coen. Loc. Cit. Para 121)*.

"*Hu pacifiku li l-gudikat jassorbixxi kull eccezzjoni li, in meritu ghall-azzjoni. Kien missha, jew setghat giet sollevata in relazzjoni ghall-azzjoni stess. L-istess inghad fis-sentenza* ***Carmelo Spiteri vs Spiru D'Amato*** *(Ap. 2 ta' Marzu 1956 Vol.XL.I.65)*" ("Dagri vs Dingli", deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' April 1953).

L-Art. 1226(1) jipprovdi illi:

"***1226.*** *(1) L-eccezzjoni ta' nullita' tista', f'kull zmien, tigi moghtija minn dak li jkun imharrek ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt, fil-kazijiet kollha li fihom huwa nnifsu seta' jagixxi ghar-rexissjoni.*"

Dawn il-principji applikati ghall-fatti tal-kawza odjerna jirrendu valida l-eccezzjoni tal-gudikat imressqa mill-intimati. Dak li qed jittentaw jaghmlu l-atturi b'din il-kawza huwa essenzjalment li jxejnu l-effetti tas-sentenza precedenti li obbligathom ihallsu skont il-ftehim miktub. Il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi, ir-rekwiziti kollha sabiex tirnexxi l-eccezzjoni huma sodisfatti u ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqaghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni mressqa permezz tar-risposta ulterjuri tal-25 ta' Jannar 2012; tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu minn John u Josephine konjugi Gracey.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------